MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2014

Numru 309/2014

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Nikita Cardona**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Nikita Cardona ta’ 18 –il sena bint John u Margaret xebba Borg, imwielda Pieta’ fl-24 ta’ Frar, 1996, residenti fil-fond numru 82 Triq ix-Xatt Sliema u detentrici tal-karta tal-identita’ numru 11386M.

Akkuzata talli fl-24 ta' Marzu, 2014 ghal habta tat-8:30 ta' filghaxija minn gewwa l-istabbiliment McDonalds sitwat fi Triq ir-Repubblika fil-Belt Valletta, ikkommettiet serq ikkwalifikat bil-valur, bil-hin u bil-persuna u dan ghad-detriment ta' Andre' Ciappara bi ksur tal-Artikolu 261(c), (d) u (f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-30 ta' Mejju 2014 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din il-Qorti wissietha b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha u kien biss wara li staqsietha t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Semghat s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputata, l-Qorti tiddikjara li ma' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat l-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-proceduri, il-fatt li ghandha fedina penali nadifa, il-fatt li r-res furtiva giet ritornata lil vittma u ikkunsidrat ukoll l-fatt li kien hemm koperazzjoni shiha mill-imputata fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 267, 268 u 270 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi u b’ applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettiex reat iehor sa zmien sentejn millum.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------